

Notifika ta' konċentrazzjoni
(Każ Nru COMP/M.4612 — Accor/Pierre et Vacances/NewCity JV)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 131/12)

1. Fil-31 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Accor ("Accor", Franza) u l-grupp Pierre et Vacances ("Pierre et Vacances", Franza) jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża NewCity ("NewCity", Franza) permezz tax-xiri ta' ishma ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriża kkonċernati huma:

— Accor: impriża attiva flukandi u fl-ifformular u l-għoti ta' servizzi lil kumpaniji u awtoritajiet lokali.

— Pierre et Vacances: impriża attiva fil-promozzjoni, il-kostruzzjoni u l-ikkumerċjalizzar ta' residenzi turistiċi, il-kiri ta' appartamenti mgħammra ta' vaganza u l-ġestjoni ta' residenzi ta' divertiment u residenzi urbani.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni nnotifikata tista' tiġi kkunsidrata skond ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressqulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4612 — Accor/Pierre et Vacances/NewCity JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, tad-29.1.2004, p. 1.